Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 30

It- Tnejn, 4 ta' Ottubru 2021

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-3.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier
Camille Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-3.06pm

## 30.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

30.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija

## 30.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal- Minuti

30.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tat- Disa' u Għoxrin Laqgħa. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa.

30.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 30.3 Komunikazzjoni mis- Sindku

30.3.1 Is- Sindku ta' informazzjoni dettaljata tal-laqgħa kordjali li kien hemm mal- Ministru L- Onor. Miriam Dalli fejn ġew diskussi diversi temi fuq titjib li jista' jkun hemm ġewwa l-lokalita'. Il-Ministeru wera x-xewqa li jkun disponibbli u jgħin fejn jista.

30.3.2 Is- Sindku infurma lill-Kunsill rigward il-laqgħa li kellu l-Kunsill mal- Ministru, l-Onor Silvio Schembri fejn it-tema diskussa kienet l-għoti ta' art lill-Kunsill bħala alternattiva għal l-art li għandu f'idejh il-Kunsill ħdejn l-istazzjon fejn jidher li ser tittieħed lill-Kunsill u tiġi mgħoddija lil Heritage Malta. Il-Ministru talab li tiġi individwalizata din l-art imbasta ma tkunx green area.

30.3.3 Is- Sindku talab lis- SE biex il-handyman jagħti l-undercoating lil bramel taz-zibel u jizbohom.

30.3.4 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li bħalissa għaddejjin ix-xogħolijiet minn Infrastructure Malta b'rabta ma' l-installar tad-dawl l-ġdid madwar is-swar ta' l-Mdina.

30.3.4.1 B'rabta ma' dan il-proġett is- Sindku qal li hemm bzonn nitolbu devoluzzjoni tal-kamra li tinsab fi Palazzo Vilhena li hija propjeta' ta' Heritage Malta għar-raguni li ġewwa din il-kamra hemm bzonn jitpoġġa DMX *control room* biex jiġi ikkontrollat id-dawl l-ġdid. Huwa qal li l-Kunsill mhux ser ikun involut f'ebda spejjez min naħa tiegħu

30.3.4.2 Għaldaqstant il-Kunsill għadda rezoluzzjoni fejn approva li ssir it-talba għall-amministrazzjoni ta' din il-proprjetà pubblika.

## 30.4 Ittra ta' Direzzjoni 2020 u r- Risposta tal-Kunsill

30.4.1 Is-SE qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill l-Ittra ta' Direzzjoni li waslet fit-13 ta' Lulju 2021 (li ġġib id-data tal-1 ta'Ġunju 2021)u r-risposta ssuġġerita tal-Kunsill li ġġib id-data tal-4 ta' Ottubru 2021. Kopja ta' dawn ingħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa

30.4.2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Joseph Debono sekondata mill- Kunsilliera Maryanne Sultana, ir-risposta għall-Ittra ta' Direzzjoni ġiet approvata unanimament. Din ser tintbagħat lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, lill-Awditur Ġenerali u lill-Udituri tal-Gvern Lokali.

**30.5 Rapport Finanzjarju tat- Tlett Xhur minn Jannar sa Marzu u April sa Ġunju**

30.5.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra rapporti finanzjarji għat- tlett xhur minn Jannar sa Marzu u April sa Ġunju. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is- SE ta xi spjegazzjonijiet u rrispoda xi mistoqsijiet tal-Kunsill

30.5.2 Fuq proposta tal-Kunsilliera Camille Scerri li kienet ssekondata mill- Kunsillier Alfred Barbaro Sant, dawn ir-rapporti ġew approvati unanimament.

**30.6 Proposta għal Proġetti Bellus- Fondi mill-ERA**

30.6.1 Is- SE ressaq proposta mibgħuta minn NM Group biex issir applikazzjoni ma' l-ERA fejn jekk jiġi approvat l-proġett propost, il-Kunsill jingħata l-fondi sa massimu ta' €100,000 għal proġetti li għandhom x'jaqsmu ma' l-ambjent inkluz infrastruttura marbut ma din it-tema.

30.6.2 Is- Sindku qal li l-Kunsill bħalissa qed jipprova jsib il-fondi biex jiġi rranġat Howard Gardens inkluz it-tħawwil ta' siġar u għaldaqstant filwaqt li huwa konxju mill-fatt li biex isir dan ix-xogħol, jridu jintefqu 'l fuq minn € 400,000, għandna napplikaw biex għallinqas dan il-proġett jingħata bidu għalih u jinqasam f'fazijiet minflok kollox f'daqqa.

30.6.3 Fuq proposta tas- Sindku li ġiet ssekondata mill-Kunsilliera Maryann Sultana, il-Kunsill approva li għandna inqabdu din il-kumpanija biex tiġi sottomessa l-applikazzjoni ma' l-ERA.

**30.7 Ilmenti u Items Oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill.**

30.7.1 LESA- Proġetti Fil-Komunitajiet. Il-Kunsill ser japplika għal dawn il-fondi.

30.7.2 DLG- Elezzjoni AKL nhar id- 9 ta' Ottubru 2021

30.7.3 AKL Cir 2021/094- Pink October. Għal din l-inizjattiva ser jinxtgħel Casino Notabile

30.7.4 AKL Cir 2021/097- Working Towards Safer Communities Information session.

30.7.5 AKL Cir 2021/095- MOU iffirmat bejn AKL – MTI. Il-Kunsill interessat jipparteċipa f'dan il-ftehim.

30.7.6 NM Group- New Funding Opportunity- Bellus Call. Il-Kunsill talab li ssir laqgħa mar-rapprezentanti ta' din il-kumpanija.

30.7.7 Is- SE qal li hemm bzonn li l-kontijiet bankarji tal-Kunsill li għandu fl-HSBC jingħalqu u jiġu trasferiti għand il-Bank of Valletta fejn hemmhekk diġa l-Kunsill għandu xi kontijiet miftuħin. Raġuni ta' dan huwa li kwazi kollha id- Dipartimenti governattivi l-aktar fejn għandhom x'jaqsmu depoziti tal-LESA u Lands Authority huma mal-BOV fejn dawn iz-zewġ entitajiet huma l-izjed li jintuzaw mill-uffiċċju.

30.7.7.1 Għaldaqstant il-Kunsill għadda rezoluzzjoni fejn approva li jingħalqu il-kontijiet bankarji ma' l-HSBC u jiġu trasferiti mal- BOV

30.7.8 Is- SE talab lill-Kunsill li mill-aktar fiss possibbli, pagamenti li jirrigwardaw salarji kif ukoll pagamenti lis- suppliers jibdew jiġu effetwati tramite SEPA Credit Transffe direttament fuq is-sistema tal-Bank of Valletta.

30.7.8.1 Għaldaqstant il-Kunsill għadda rezoluzzjoni fejn approva li pagamenti jibdew jigu effettwati permezz tal- Direct Payment System mal- Bank of Valletta.

**30.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

30.8.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdu l-iskedi ta' ħlasijiet li jġibu d-dati tas- 4 ta' Ottubru 2021 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 14,321.05.

30.8.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**30.9 Tmiem tal- Laqgħa u data tas- Seduta li jmiss**

30.9.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 4.32pm u ġiet aġġornata għall- 1 ta' Novembru 2021 fit-3pm.

| | |
|---|---|
| FFIRMAT | FFIRMAT |
| ____________________ | ____________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data:___1-11-21__________________